# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, u dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti lill-Aġenzija stabbilita permezz tar-Regolament XX funzjonijiet dwar il-ġestjoni operattiva tas-SIS II u l-VIS f'applikazzjoni tat-Titolu VI tat-Trattat tal-UE**

(2010/C 70/02)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1],

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data, mibgħuta lill-KEPD fil-11 ta' Awissu 2009 [2],

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA

## I. **INTRODUZZJONI – KUNTEST TAL-OPINJONI**

*Deskrizzjoni tal-proposti*

1. Fl-24 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni adottat pakkett leġiżlattiv li jistabbilixxi aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Il-pakkett jikkonsisti fi proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Aġenzija u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti lill-Aġenzija funzjonijiet fir-rigward tal-ġestjoni operattiva tas-SIS II u l-VIS f'applikazzjoni tat-Titolu VI tat-Trattat tal-UE [3]. Iż-żewġ proposti huma spjegati ulterjorment f'komunikazzjoni adottata fl-istess data [4]. Fil-11 ta' Awwissu 2009, il-proposti u l-komunikazzjoni ntbagħtu lill-KEPD għal konsultazzjoni flimkien mal-Valutazzjoni tal-Impatt u s-sommarju tal-Valutazzjoni tal-Impatt [5].

2. Ir-Regolament propost isib il-bażi legali tiegħu fit-Titolu IV tat-Trattat KE. Minħabba li l-użu tas-SIS II u l-VIS għall-fini ta' kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali hija attwalment ibbażata fuq it-Titolu VI tat-Trattat tal-UE, ir-Regolament propost huwa ikkumplimentat bi proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li hija bbażata fuq it-Titolu VI tat-Trattat tal-UE.

3. L-istrumenti legali rispettivi li jistabbilixxu s-SIS II, il-VIS u l-Eurodac jiddeterminaw li l-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni operattiva ta' dawn it-tliet sistemi [6]. Fil-każ tas-SIS II u l-VIS dan għandu jkun biss għal perijodu transitorju, li wara dan Awtorità ta' Tmexxija ser tkun responsabbli għall-ġestjoni operattiva. F'Dikjarazzjoni Konġunta tas-7 ta' Ġunju 2007, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stiednu lill-Kummissjoni biex, wara valutazzjoni tal-impatt li fih jiġu analizzati l-alternattivi, tippreżenta l-proposti leġiżlattivi meħtieġa li jafdaw aġenzija bil-ġestjoni operattiva għall-perijodu fit-tul tas-SIS II u l-VIS [7]. Din l-istedina wasslet għall-proposti attwali.

(1) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
(2) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
(3) Ara COM(2009) 293 finali u COM(2009) 294 finali.
(4) Ara COM(2009) 292 finali.
(5) Ara SEC(2009) 836 finali u SEC(2009) 837 finali.
(6) Ara l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 dwar is-SIS II (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4), l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 dwar il-VIS (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60) u l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill 2725/2000 (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).
(7) Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-7 ta' Ġunju 2007, li hija mehmuża mar-Riżoluzzjoni Leġislattiva tal-Parlament tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar ir-Regolament tal-VIS propost.

4. L-Aġenzija stabbilita mir-Regolament propost fil-fatt ser tkun responsabbli għall-ġestjoni operattiva tas-SIS II u l-VIS, iżda wkoll għall-Eurodac u sistemi oħra possibbli tal-IT fuq skala kbira. Ir-referenza għal “sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira” ser tkun diskussa fil-punti 28-31 ta' din l-Opinjoni. Skont il-preambolu tar-Regolament propost, ir-raġunijiet għaliex it-tliet sistemi ta' IT fuq skala kbira, u sistemi oħra possibbli, tpoġġew taħt id-direzzjoni ta' Aġenzija waħda huma biex jinkisbu sinerġiji, biex jinkiseb benefiċċju minn ekonomiji ta' skala, biex tinħoloq massa kritika u biex tkun żgurata l-ogħla rata ta' utilizzazzjoni possibbli ta' kapital u ta' riżorsi umani ([8]).

5. Ir-Regolament propost jistabbilixxi aġenzija regolatorja li għandha awtonomija legali, amministrattiva u finanzjarja u li għandha personalità ġuridika. L-Aġenzija ser twettaq il-kompiti li huma kkonferiti lill-Awtorità ta' Tmexxija (jew lill-Kummissjoni) kif deskritt fl-istrumenti legali li jistabbilixxu s-SIS II, il-VIS u l-Eurodac. Barra dan, l-Aġenzija għandha tissorvelja r-riċerka u, fuq talba speċifika tal-Kummissjoni, timplimenta l-iskemi pilota għall-iżvilupp u/jew ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, b'applikazzjoni tat-Titolu IV tat-Trattat KE u possibbilment l-ispazju usa' tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja wkoll (ara l-punti 28-31 hawn taħt).

6. L-istruttura amministrattiva u ta' ġestjoni tal-Aġenzija ser tinkludi Bord ta' Tmexxija, kompost minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni, Direttur Eżekuttiv, maħtur mill-Bord ta' Tmexxija, u Gruppi Konsultattivi li jipprovdu lill-Bord ta' Tmexxija bil-kompetenza esperta relatata mas-sistemi tal-IT rispettivi. F'dan il-mument, il-proposta tipprevedi tliet Gruppi Konsultattivi għas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac.

7. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta tikkonferixxi fuq l-Aġenzija l-kompiti mogħtija lill-Awtorità ta' Tmexxija kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI dwar is-SIS II u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI dwar il-VIS ([9]). Barra minn hekk, id-Deċiżjoni proposta tagħti lill-Europol l-istatus ta' osservatur fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija meta jkun hemm mistoqsija relatata mas-SIS II jew il-VIS fuq l-aġenda. Il-Europol tista' wkoll taħtar rappreżentant għall-Gruppi Konsultattivi tas-SIS II u l-VIS ([10]). Il-Eurojust għandu wkoll status ta' osservatur u jista' jaħtar rappreżentant, iżda biss fir-rigward tas-SIS II.

([8]) Ara l-Premessa 5 tar-Regolament propost.

([9]) ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63 u ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129.

([10]) Jekk il-Europol jingħata aċċess għall-Eurodac wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta dwar talbiet għal tqabbil ma' data tal-EURODAC mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi (ara COM(2009) 344 finali), huwa probabbilment ser ikun intitolat għall-istess pożizzjonijiet meta mqabbel mal-Eurodac. Madankollu, ara l-opinjoni kritika tal-KEPD tas-7 ta' Ottubru 2009 dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta, li hija disponibbli fi: http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2009/09-10-07_Access_Eurodac_EN.pdf

*Konsultazzjoni tal-KEPD*

8. Il-KEPD jilqa' l-fatt li huwa kkonsultat dwar din il-kwistjoni u jirrakkomanda li ssir referenza għal din il-konsultazzjoni fil-premessi tal-proposti, kif isir ġeneralment f'atti leġiżlattivi li dwarhom il-KEPD ikun ġie kkonsultat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

9. Qabel l-adozzjoni tal-proposta, il-KEPD kien ikkonsultat informalment. Il-KEPD laqa' din il-konsultazzjoni informali u bi pjaċir jara li ttieħed kont tal-parti l-kbira tal-kummenti tiegħu fil-proposta finali.

10. Jidher ċar li l-KEPD qed isegwi mill-qrib l-iżviluppi rigward il-ħolqien tal-Aġenzija li suppost għandha ssir responsabbli għall-operazzjoni tajba u s-sigurtà tal-bażijiet tad-data, bħas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac, li fihom ammonti kbar ta' data personali. Kif se jkun spjegat ulterjorment f'din l-Opinjoni, il-KEPD ma jopponix il-ħolqien ta' Aġenzija bħal din, sakemm ċerti riskji possibbli, li jista' jkollhom impatt kbir fuq il-privatezza tal-individwi, ikunu indirizzati b'mod suffiċjenti fl-istrument(i) leġiżlattivi fundaturi.

11. Qabel ma din il-fehma tiġi spjegata aktar fid-dettal fil-Parti III u l-parti IV, il-KEPD l-ewwel ser janalizza, fil-parti II, l-impatt tal-proposti attwali tat-Trattat ta' Liżbona li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009. Fil-Parti V l-KEPD ser jagħti kummenti dwar diversi dispożizzjonijiet speċifiċi taż-żewġ proposti.

## II. IMPATT TAT-TRATTAT TA' LIŻBONA

12. L-istruttura legali tal-Unjoni Ewropea nbidlet konsiderevolment bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009. Speċjalment fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-kompetenza tal-UE twessgħat u ġew aġġustati l-proċeduri leġiżlattivi. Il-KEPD analizza l-impatt tal-bidliet fit-Trattati dwar il-proposti attwali.

13. Il-bażijiet legali msemmijin fir-Regolament propost huma l-Artikoli 62(2)(a), 62(2)(b)(ii), 63(1)(a), 63(3)(b) u 66 tat-Trattat KE. It-test ta' dawn l-Artikoli jista' jiġi rintraċċat, fil-biċċa l-kbira tiegħu, fl-Artikoli 77(1)(b), 77(2)(b), 77(2)(a), 78(2)(e), 79(2)(c) 74 TFUE. Il-proċedura leġiżlattiva li għandha tkun segwita għall-adozzjoni ta' miżuri dwar dawn il-bażijiet legali mhijiex ser tinbidel, il-proċedura ta' kodeċiżjoni kienet applikabbli u ser tibqa' applikabbli, iżda issa ġiet imsejħa l-“proċedura leġiżlattiva ordinarja”. L-impatt tat-Trattati emendati fuq il-bażi legali u l-proċedura leġiżlattiva għar-Regolament propost għalhekk jidher li huwa limitat.

14. L-Artikoli li fuqhom hija bbażata attwalment id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta huma l-Artikoli 30(1)(a), 30(1)(b) u l-Artikolu 34(2)(c) tat-Trattat UE. Fit-Trattati l-ġodda, l-Artikolu 34 tat-Trattat UE ġie rrevokat. L-Artikolu 30(1)(a) huwa sostitwit bl-Artikolu 87(2)(a) TFUE, li joħloq il-bażi għal miżuri li jikkonċernaw il-ġbir, il-ħażna u l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti, adottata f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. L-Artikolu 30(1)(b) tat-Trattat UE, li jittratta dwar il-kooperazzjoni operattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti, huwa sostitwit bl-Artikolu 87(3) TFUE li jippreskrivi proċedura leġiżlattiva speċjali li jfisser li l-Kunsill jaġixxi unanimament wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew. Minħabba li ż-żewġ proċeduri leġislattivi mhumiex kompatibbli ma' xulxin, l-Artikolu 87(2)(a) u l-Artikolu 87(3) TFUE ma jistgħux jibqgħu jifformaw il-bażi legali konġunta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Għalhekk jeħtieġ li ssir għażla.

15. Il-KEPD huwa tal-opinjoni li l-Artikolu 87(2)(a) TFUE jista' jkun il-bażi unika għall-miżura proposta. Dan ikun ukoll l-għażla preferuta minħabba li l-użu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja jimplika l-involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew u jiżgura l-leġittimità demokratika tal-proposta [11]. F'dak ir-rigward, għandu jkun issottolinjat li l-proposta tittratta dwar l-istabbiliment ta' aġenzija li ser tkun responsabbli għall-protezzjoni ta' data personali, li tirriżulta minn dritt fundamentali rikonoxxut mill-Artikolu 16 TFUE u l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li sar vinkolanti mill-1 ta' Diċembru 2009.

16. Barra minn hekk, it-teħid tal-Artikolu 87(2)(a) TFUE bħala l-unika bażi legali jippermetti lill-Kummissjoni tgħaqqad iż-żewġ proposti attwali fi strument uniku għall-istabbiliment tal-Aġenzija, li huwa Regolament li ser ikun adottat f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

17. Fi kwalunkwa każ, il-KEPD jistieden lill-Kummissjoni tiċċara din is-sitwazzjoni fi żmien qasir.

## III. L-ISTABBILIMENT TA' AĠENZIJA MIL-LAT TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA

18. Kif imsemmi fil-punt 3 hawn fuq, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stiednu lill-Kummissjoni tanalizza alternattivi u tippreżenta l-proposti leġiżlattivi meħtieġa li jafdaw aġenzija bil-ġestjoni operattivi għal perijodu fit-tul tas-SIS II u l-VIS. Il-Eurodac ġiet miżjuda mill-Kummissjoni. Fil-Valutazzjoni tal-Impatt, il-Kummissjoni esplorat ħames għażliet għall-ġestjoni operattiva tat-tliet sistemi:

— it-tkomplija tal-arranġament attwali, jiġifieri ġestjoni mill-Kummissjoni li, fir-rigward tas-SIS II u l-VIS, tinkludi delegazzjoni ta' kompiti lil żewġ Stati Membri (l-Awstrija u Franza);

— l-istess bħall-ewwel għażla, flimkien mad-delegazzjoni tal-ġestjoni operattiva tal-Eurodac lill-awtoritajiet tal-Istati Membri;

— l-istabbiliment ta' aġenzija regolatorja ġdida;

— l-għoti tal-ġestjoni operattiva lill-Frontex;

— l-għoti tal-ġestjoni operattiva tas-SIS II lill-Europol u t-tkomplija tal-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-VIS u l-Eurodac.

Il-Kummissjoni analizzat dawn l-għażliet minn erba' angoli differenti: operattiv, ta' governanza, finanzjarju u legali.

19. Bħala parti mill-analiżi legali, il-Kummissjoni qabblet kif dawn l-istrutturi differenti jippermettu s-salvagwardjar effettiv tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u b'mod partikolari tal-protezzjoni tad-data personali. Hija kkonkludiet li l-għażliet 3 u 4 kienu l-għażliet preferibbli f'dak ir-rigward [12]. Fir-rigward tal-ewwel żewġ għażliet, il-Kummissjoni rreferiet għad-diffikultajiet possibbli rigward is-superviżjoni mill-KEPD, li kienu diskussi matul l-iżvilupp tas-SIS II. Fir-rigward tal-ewwel żewġ għażliet, il-Kummissjoni rreferit ukoll għas-sitwazzjoni problematika, f'termini ta' responsabbiltà li tirriżulta mill-Artikolu 288 tat-Trattat UE (issa: l-Artikolu 340 TFUE), jekk l-operazzjonijiet li jitwettqu mill-persunal nazzjonali jiġu sfidati.

20. Il-KEPD jaqbel mal-Kummissjoni li fil-perspettiva tas-superviżjoni mill-KEPD, ikun preferibbli li jkun hemm entità Ewropea waħda li tkun responsabbli għall-ġestjoni operattiva ta' sistema tal-IT fuq skala kbira bħas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' entità unika tiċċara kwistjonijiet ta' responsabbiltà u ta' liġi applikabbli. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 ikun applikabbli għall-attivitajiet kollha ta' tali entità Ewropea.

21. Madankollu, il-mistoqsija li jmiss hija liema jew liema tip ta' entità Ewropea din għandha tkun. Il-Kummissjoni tiddiskuti l-istabbiliment ta' aġenzija ġdida u l-użu ta' żewġ entitajiet eżistenti, jiġifieri l-Frontex u l-Europol. Hemm argument b'saħħtu kontra l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ta' IT fuq skala kbira mill-Frontex jew l-Europol, minħabba li fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, il-Frontex u l-Europol

(11) Fl-hekk imsejħa sentenza Diossidu tat-Titanju, il-QĠE tat importanza partikolari lill-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, ara QĠE 11 ta' Ġunju 1991, *Il-Kummissjoni v. Il-Kunsill*, Każ C-300/89, [Ġabra] 1991, p. I-2867, par. 21.

(12) Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt fil-paġna 32.

għandhom l-interessi personali tagħhom fl-użu ta' data personali. L-aċċess mill-Europol għas-SIS II u l-VIS huwa diġà previst u l-leġiżlazzjoni għall-aċċess mill-Europol għall-Eurodac qed tiġi diskussa attwalment ([13]). Il-KEPD huwa tal-opinjoni li għażla preferibbli tkun waħda li tafda l-ġestjoni operattiva magħquda ta' bażijiet tad-data fuq skala kbira bħas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac, lil entità indipendenti li m'għandhiex l-interessi personali tagħha bħala utent tal-bażi tad-data. Dan inaqqas ir-riskju ta' użu ħażin tad-data. F'dak ir-rigward, il-KEPD jixtieq jindika l-prinċipju bażiku tal-protezzjoni tad-data tal-limitazzjoni tal-iskop, li jeħtieġ li data personali ma tistax tintuża għal skopijiet li mhumiex kompatibbli mal-iskop li għalih id-data kienet ipproċessata oriġinarjament ([14]).

22. Għażla waħda li mhijiex diskussa mill-Kummissjoni hija l-ġestjoni operattiva tas-sistemi mill-Kummissjoni nfisha, mingħajr l-ebda delegazzjoni fil-livell nazzjonali. L-istabbiliment ta' aġenzija eżekuttiva minflok aġenzija regolatorja hija qrib ta' din l-għażla. Għalkemm ma hemm l-ebda punt ta' prinċipju mil-lat tal-protezzjoni tad-data kontra li l-Kummissjoni tieħu dan il-kompitu (il-Kummissjoni nfisha mhijiex l-utent ta' dawn is-sistemi) il-KEPD jara l-benefiċċji prattiċi ta' aġenzija separata. L-għażla ta' aġenzija regolatorja minflok waħda eżekuttiva tista' tkun aċċettata wkoll, minħabba li tipprevjeni lill-aġenzija, u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tagħha, milli tkun stabbilita u ddeterminata abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni biss. L-Aġenzija attwali ser tkun stabbilita abbażi ta' Regolament li huwa adottat f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u hija għalhekk soġġetta għal deċiżjoni demokratika.

23. Il-KEPD jara l-vantaġġi fil-ħolqien ta' aġenzija regolatorja indipendenti. Madankollu, il-KEPD jixtieq jissottolina li tali aġenzija għandha tkun stabbilita biss meta l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet u tar-responsabbiltajiet tagħha jkunu definiti b'mod ċar.

## IV. **ŻEWĠ KAWŻI TA' TĦASSIB ĠENERALI RIGWARD L-ISTABBILIMENT TAL-AĠENZIJA**

24. Matul id-dibattitu leġiżlattiv u pubbliku attwali dwar din il-proposta, ġie espress tħassib dwar il-ħolqien possibbli ta' "aġenzija superjuri (big brother agency)". Din id-dikjarazzjoni hija relatata mal-possibbiltà ta' żvijar tal-użu (function creep), iżda wkoll mal-kwistjoni ta' interoperabbiltà tas-sistemi ta' IT differenti. Dawn iż-żewġ kawżi ta' tħassib ser ikunu indirizzati f'din il-parti tal-Opinjoni.

25. Qabel xejn, il-KEPD jixtieq jippreżenta – bħala assunzjoni bażika – li r-riskju ta' żbalji jew ta' użu ħażin ta' data personali jista' jiżdied meta sistemi tal-IT fuq skala kbira jiġu fdati lill-istess diriġent operattiv. In-numru totali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti minn Aġenzija waħda għandu għalhekk ikun ristrett għal numru li bih ikunu assigurati b'mod suffiċjenti s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data. Fi kliem ieħor, il-punt ta' tluq m'għandux ikun li l-ikbar numru possibbli ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira jinġiebu taħt il-ġestjoni operattiva ta' Aġenzija waħda.

### IV.1. **Żvijar tal-użu**

26. Fil-kuntest attwali, il-biża' ta' żvijar tal-użu jirreferi għall-idea li l-Aġenzija l-ġdida ser tkun tista' toħloq u tgħaqqad fuq inizjattiva tagħha stess is-sistemi tal-IT fuq skala kbira li huma diġà eżistenti u dawk il-ġodda sa' grad li mhuwiex previst fil-preżent. Il-KEPD huwa tal-opinjoni li l-iżvijar tal-użu mill-Aġenzija jista' jkun evitat jekk, l-ewwel, il-kamp ta' applikazzjoni ta' attivitajiet (possibbli) ikun limitat u definit b'mod ċar fl-istrument legali fundatur u, it-tieni, jekk ikun żgurat li kwalunkwe espansjoni ta' dan il-kamp ta' applikazzjoni ser ikun ibbażat fuq proċedura demokratika ta' teħid ta' deċiżjonijiet, li normalment hija l-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

27. Fir-rigward tal-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' attivitajiet (possibbli) tal-Aġenzija, il-proposta attwali tirreferi fl-Artikolu 1 għall-ġestjoni operattiva tas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac, kif ukoll għall-'iżvilupp u l-ġestjoni ta' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira, b'applikazzjoni tat-Titolu IV tat-Trattat KE'. F'termini tad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, din l-aħħar parti tqajjem tliet mistoqsijiet: x'inhu mifhum bi "żvilupp", x'inhu mifhum b' "sistemi tal-IT fuq skala kbira" u x'inhi t-tifsira tal-frażi wara l-virgola? Dawn it-tliet mistoqsijiet ser ikunu ttrattati hawn taħt, f'ordni inversa.

*X'inhi t-tifsira tal-frażi "b'applikazzjoni tat-Titolu IV tat-Trattat KE"?*

28. Il-frażi "b'applikazzjoni tat-Titolu IV tat-Trattat KE" tpoġġi limitazzjoni lis-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jistgħu jinġiebu taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija. Il-KEPD jinnota, madankollu, li din il-frażi timplika kamp ta' applikazzjoni aktar limitat ta' attivitajiet possibbli li jistgħu jkunu derivati mit-titolu tar-Regolament propost, Premessa 4 u Premessa 10. Dawk it-testi huma differenti mill-Artikolu 1 fis-sens li għandhom kamp ta' applikazzjoni usa': huma jirreferu għall-"ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja" minflok il-qasam aktar limitat ta' kompetenza kif stabbilit fit-Titolu IV tat-Trattat KE (viżi, asil, immigrazzjoni u linji politiċi oħra relatati mal-moviment liberu tal-persuni).

29. Id-distinzjoni bejn it-Titolu IV tat-Trattat KE u l-kunċett usa' tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (li jinkludi wkoll it-Titolu VI tat-Trattat UE) hija rikonoxxuta fl-Artikolu 6 tar-Regolament propost, li fil-paragrafu 1 jittratta dwar il-possibbiltà għall-Aġenzija li timplimenta skemi pilota għall-iżvilupp u/jew il-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, b'applikazzjoni tat-Titolu IV tat-Trattat *KE*, u fil-paragrafu 2 mal-possibbiltà li l-iskemi pilota relatati

([13]) Dwar dan tal-aħħar, ara l-Opinjoni tal-KEPD tas-7 ta' Ottubru 2009 msemmija fin-nota 10 f'qiegħ il-paġna.
([14]) Ara l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

ma' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira jkunu implimentati mill-Aġenzija fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Fissens strett tal-kelma, l-Artikolu 6(2) mhuwiex konformi mal-Artikolu 1 tar-Regolament propost.

30. Il-kontradizzjoni bejn l-Artikolu 1 u t-titolu tar-Regolament propost, kif ukoll il-Premessi 4 u 10 u l-Artikolu 6(2) trid tiġi solvuta. B'referenza għall-assunzjoni bażika magħmula fil-punt 25 hawn fuq, il-KEPD huwa tal-opinjoni li f'dan l-istadju jkun irrakkomandat biex ikun illimitat tassew il-qasam tal-kompetenza lil sistemi tal-IT fuq skala kbira b'applikazzjoni tat-Titolu IV tat-Trattat KE. Mill-1 ta' Diċembru 2009, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, dan jimplika limitazzjoni tal-oqsma ta' politika msemmijin fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-TFUE. Wara li tinkiseb l-esperjenza u wara valutazzjoni pożittiva tal-funzjonament tal-Aġenzija (ara l-Artikolu 27 tal-proposta, u l-kummenti fil-punt 49 hawn taħt) ir-referenza fl-Artikolu 1 tista' forsi titwessa' biex tkopri l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja kollu, sakemm tali deċiżjoni tkun ibbażata fuq il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

31. Madankollu, jekk il-leġiżlatur jiddeċiedi li jagħżel kamp ta' applikazzjoni hekk kif jista' jkun idderivat mit-titolu u l-Premessi 4 u 10, allura għandha tkun iċċarata kwistjoni oħra rigward l-Artikolu 6(2). Kuntrarjament għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6, it-tieni paragrafu ma jispeċifikax li l-implimentazzjoni tal-iskema pilota hija għall-iżvilupp u/jew il-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Id-distinzjoni maħsuba bejn iż-żewġ paragrafi u n-nuqqas tal-frażi addizzjonali fit-tieni paragrafu tqajjem il-mistoqsija x'ippruvat attwalment tistabbilixxi l-Kummissjoni. Jista' jkun li dan ifisser li l-iskemi pilota msemmijin fl-ewwel paragrafu għandhom jinkludu valutazzjoni tal-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva possibbli mill-Aġenzija l-ġdida, u li tali valutazzjoni mhijiex parti mill-iskemi pilota fit-tieni paragrafu? Jekk dak huwa l-każ, allura dan għandu jkun iċċarat aħjar fit-test minħabba li tħassir tal-ispeċifikazzjoni ma jeskludix l-implimentazzjoni u l-ġestjoni operattiva ta' tali sistemi mill-aġenzija. Jekk il-Kummissjoni riedet tfiehem xi ħaġa oħra, allura dan għandu jkun iċċarat ukoll.

*X'inhi sistema tal-IT fuq skala kbira?*

32. Il-kunċett ta' "sistemi tal-IT fuq skala kbira" huwa wieħed li jista' jkun argumentat. Mhux dejjem hemm fehim komuni dwar liema sistemi għandhom ikunu kkunsidrati bħala sistemi tal-IT fuq skala kbira u liema m'għandhomx ikunu kkunsidrati hekk. L-interpretazzjoni tal-kunċett għandha implikazzjonijiet importanti għall-kamp ta' applikazzjoni ta' attivitajiet futuri possibbli tal-Aġenzija. It-tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira li huma msemmijin espliċitament fil-proposta għandhom bħala fattur komuni l-ħżin ta' data f'bażi tad-data ċentralizzata li hija (attwalment) responsabbiltà tal-Kummissjoni. Mhux ċar jekk l-attivitajiet futuri possibbli tal-Aġenzija humiex limitati għal sistemi tal-IT fuq skala kbira b'tali karatteristika, jew jekk jistgħux jinkludu wkoll sistemi deċentralizzati fejn ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni hija limitata għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura komuni ta' tali sistema, bħas-sistema Prüm u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) ([15]). Sabiex ma jkun hemm l-ebda intendiment ħażin fil-futur, il-KEPD jistieden lil-leġiżlatur biex jiċċara l-kunċett ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fir-rigward tal-istabbiliment tal-Aġenzija.

*X'inhu mifhum bl-'iżvilupp' ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira?*

33. Flimkien mal-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-Aġenzija ser twettaq ukoll il-kompiti mniżżlin fl-Artikolu 5 (monitoraġġ tar-riċerka) u l-Artikolu 6 (skemi pilota). L-ewwel wieħed jimplika l-monitoraġġ tar-riċerka rilevanti u r-rappurtar tiegħu lill-Kummissjoni. L-attivitajiet fir-rigward tal-iskemi pilota huma l-implimentazzjoni ta' skemi pilota għall-iżvilupp u/jew il-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira (ara, madankollu, il-kummenti fil-punt 31 hawn fuq). L-Artikolu 6 jiddefinixxi kif għandha tinftiehem il-kelma "żvilupp". L-użu tal-kelma fl-Artikolu 1 jagħti l-idea li l-Aġenzija tista' tkun responsabbli għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fuq l-inizjattiva tagħha stess. Madankollu, dan huwa eskluż fil-formulazzjoni tal-Artikolu 6(1) u (2). Huwa ddikjarat b'mod ċar li l-Aġenzija tista' tagħmel dan "fuq talba speċifika u preċiża tal-Kummissjoni". Fi kliem ieħor, l-inizjattiva għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira hija f'idejn il-Kummissjoni. Kwalunkwe deċiżjoni biex tkun fil-fatt stabbilita sistema ġdida tal-IT fuq skala kbira għandha tkun ibbażata fuq il-proċeduri leġiżlattivi previsti fit-TFUE. Sabiex tissaħħaħ il-formulazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament propost, il-leġiżlatur jista' jiddeċiedi li jżid il-kelma"biss" fil-bidu tal-Artikolu 6(1) u (2).

*Fil-qosor*

34. Kif iddikjarat, ir-riskju tal-iżvijar tal-użu jista' jkun evitat, l-ewwel nett, jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' attivitajiet (possibbli) tal-Aġenzija jkun limitat u definit b'mod ċar fl-istrument legali ta' bażi u, it-tieni nett, jekk ikun żgurat li kwalunkwe espansjoni ta' dan il-kamp ta' applikazzjoni tkun ibbażata fuq proċedura demokratika ta' teħid ta' deċiżjonijiet, li normalment hija l-proċedura leġiżlattiva ordinarja. It-test attwali diġà fih speċifikazzjonijiet li jillimitaw ir-riskju tal-iżvijar tal-użu.

35. Madankollu, jibqgħu ċerti inċertezzi rigward l-iskop preċiż ta' attivitajiet possibbli tal-Aġenzija l-ġdida. Il-leġislatur għandu, l-ewwel nett, jiċċara u jiddeċiedi konxjament jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet huwiex limitat għall-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-TFUE, jew jekk huwa jkoprix potenzjalment is-sistemi kollha tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-leġiżlatur għandu, it-tieni nett, jiċċara l-kunċett ta' sistemi tal-IT fuq skala

([15]) Għas-sistema Prüm, ara d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1 u ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12) u l-Opinjonijiet tal-KEPD tal-4 ta' April 2007 (ĠU C 169, 21.7.2007, p. 2) u tad-19 ta' Diċembru 2007 (ĠU C 89, 10.4.2008, p. 1). Għall-ECRIS, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI tas-6 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 33) u l-Opinjoni tal-KEPD tas-16 ta' Settembru 2008 (ĠU C 42, 20.2.2009, p. 1).

kbira f'dan il-qafas, u jiċċara jekk huwiex limitat għal sistemi tal-IT fuq skala kbira li għandhom bħala karatteristika l-ħżin ta' data f'bażi ta' data ċentralizzata li hija responsabbiltà tal-Kummissjoni jew tal-Aġenzija. It-tielet nett, għalkemm l-Artikolu 6 diġà jipprevjeni l-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT fuq skala kbira mill-Aġenzija fuq l-inizjattiva tagħha stess, it-test tal-Artikolu 6 jista' jissaħħaħ biż-żieda tal-kelma "biss" fil-paragrafi 1 u 2, jekk dan tal-aħħar jiġi mwettaq.

### IV.2. **Interoperabbiltà**

36. Il-kunċett ta' "interoperabbiltà" huwa ambigwu. Il-KEPD wasal għal din il-konklużjoni fil-kummenti tiegħu tal-10 ta' Marzu 2006 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interoperabbiltà tal-bażijiet Ewropej tad-data ([16]). Fir-rigward tal-Aġenzija l-ġdida, il-kunċett ta' interoperabbiltà għandu jinftiehem li jinkludi r-riskju li permezz tal-ġabra ta' diversi sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt il-ġestjoni operattiva ta' Aġenzija waħda, ser tintuża teknoloġija simili għas-sistemi kollha li jistgħu għalhekk jiġu interkonnessi faċilment. B'mod ġenerali, il-KEPD jirrikonoxxi dan it-tħassib. Fil-kummenti tiegħu tal-10 ta' Marzu 2006, il-KEPD ddikjara li l-fatt li l-interkonnessjoni bejn is-sistemi differenti tal-IT fuq skala kbira ssir fattibbli teknikamenti, jikkostitwixxi spinta qawwija biex dan isir fil-prattika. Din hi raġuni qawwija biex għal darb'oħra tiġi enfasizzata l-importanza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Għaldaqstant, il-KEPD ssottolinja li l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tista' ssir biss b'rispett sħiħ għall-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u b'mod partikolari b'rispett sħiħ għall-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, imsemmi preċedentement (ara l-punt 21 hawn fuq).

37. Madankollu, l-inkoraġġiment possibbli biex is-sistemi tal-IT fuq skala kbira jsiru interoperabbli jekk tintuża teknoloġija li tista' tkun interkonnessa faċilment, mhuwiex bil-fors relatat mal-istabbiliment ta' Aġenzija ġdida. Barra minn hekk, mingħajr tali aġenzija jistgħu jiġu żviluppati sistemi b'modi simili li jistgħu jniedu l-interoperabbiltà.

38. Hi x'inhi l-istruttura tal-ġestjoni operattiva li tintgħażel, l-interoperabbiltà tkun possibbli biss jekk din tkun konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u d-deċiżjoni nfisha biex dan isir tkun ibbażata fuq proċedura leġiżlattiva ordinarja. Jidher ċar mir-Regolament propost li d-deċiżjoni li sistema tal-IT fuq skala kbira ssir interoperabbli mhijiex deċiżjoni li tista' tittieħed mill-Aġenzija (ara wkoll l-analiżi fil-punt 33 ta' hawn fuq). Biex issir enfasi akbar, kif jidher ukoll mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2008 dwar l-aġenziji Ewropej, il-Kummissjoni ma tistax tiddelega lil aġenzija s-setgħa tal-adozzjoni ta' tali miżura regolatorja ġenerali ([17]). Dment li ma tittieħidx deċiżjoni bħal din, l-Aġenzija hi obbligata li tistabbilixxi miżuri tas-sigurtà adatti sabiex tipprevjeni kwalunkwe interkonnessjoni possibbli tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li tiġġestixxi (fir-rigward tal-miżuri tas-sigurtà ara l-punti 46 u 47).

39. L-interoperabbiltà (prevista jew prevista possibbilment fil-futur) tista' tkun parti mit-talba tal-Kummissjoni lill-Aġenzija biex timplimenta skema pilota għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT fuq skala kbira, kif deskritt fl-Artikolu 6 tar-Regolament propost. Dan iqajjem il-mistoqsija dwar liema proċedura ser issegwi l-Kummissjoni biex titlob lill-Aġenzija għal tali skema pilota. Fi kwalunkwe każ, it-talba tal-Kummissjoni għandha tkun ibbażata fuq tal-inqas valutazzjoni preliminari dwar jekk is-sistema tal-IT fuq skala kbira, bħala tali, u b'mod partikolari l-interoperabbiltà, tkunx f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u b'mod aktar ġenerali mal-bażi legali li toħloq dawn is-sistemi. Barra minn hekk, konsultazzjoni obbligatorja tal-Parlament Ewropew u l-KEPD tista' tkun parti mill-proċedura li twassal għat-talba. It-talba nfisha tal-Kummissjoni lill-Aġenzija għandha fi kwalunkwe każ tkun aċċessibbli għall-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-Parlament u l-KEPD. Il-KEPD jħeġġeġ lil-leġislatur biex jiċċara din il-proċedura.

## V. **KUMMENTI SPEĊIFIĊI**

*Premessa 16 u l-Artikolu 25 tar-Regolament propost: referenzi għar-Regolament (KE) Nru 45/2001*

40. Ir-Regolament propost jistabbilixxi aġenzija regolatorja indipendenti li jkollha personalità ġuridika. Fil-Premessa 6 tar-Regolament propost hu ddikjarat li din l-aġenzija ser tkun stabbilita minħabba li l-Awtorità ta' Ġestjoni għandu jkollha awtonomija legali, amministrattiva u finanzjarja. Kif ġie diġà ddikjarat fil-punt 20 ta' hawn fuq, l-istabbiliment ta' entità unika jiċċara l-kwistjonijiet tar-responsabbiltà u l-liġi applikabbli.

41. L-Artikolu 25 tar-Regolament propost jikkonferma li l-ipproċessar tal-informazzjoni mill-Aġenzija l-ġdida hu soġġett għar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Barra minn hekk, il-Premessa 16 tenfasizza li dan ifisser li l-KEPD ser ikollu s-setgħa li jikseb mill-Aġenzija aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa għall-istħarriġ tiegħu jew tagħha.

42. Il-KEPD hu sodisfatt li l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 għall-attivitajiet tal-Aġenzija l-ġdida hi sottolinjata f'tali mod. Fid-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta jonqos referenza għar-Regolament (KE) Nru 45/2001, għalkemm jidher ċar li l-Aġenzija ser tintrabat ukoll bid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament meta l-bażi tad-data tintuża għal attivitajiet li jaqgħu taħt il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali. Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, u jekk il-leġiżlatur jiddeċiedi li jappoġġa d-diviżjoni fost iż-żewġ strumenti legali (ara l-kummenti fil-Parti II ta' hawn fuq), ma hemm l-ebda raġuni kontra r-referenza għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 fil-premessi u/jew kif ukoll fid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill

([16]) Il-kummenti tal-KEPD tal-10 ta' Marzu 2006, li jinstabu fuq http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Comments/2006/06-03-10_Interoperability_EN.pdf

([17]) COM(2008) 135 finali, p. 5.

*Artikolu 9(1)(o) tar-Regolament propost: l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data*

43. Il-KEPD hu sodisfatt ukoll li l-ħatra tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD) saret espliċita fl-Artikolu 9(1)(o) tar-Regolament propost. Il-KEPD jixtieq jenfasizza l-importanza tal-ħatra tal-UPD fi stadju bikri, b'kont meħud tad-dokument li jagħti l-pożizzjoni tal-KEPD dwar l-UPD ([18]).

*Artikolu 9 (1)(i) u (j) tar-Regolament propost: programm ta' ħidma u rapport ta' attività annwali*

44. Abbażi tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, u permezz tal-istrumenti legali li jistabbilixxu s-sistemi tal-IT, il-KEPD għandu setgħat superviżorji fuq l-Aġenzija. Dawn is-setgħat, li huma elenkati fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, fil-parti l-kbira huma invokati meta jkun diġà seħħ ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Il-KEPD hu interessat li jiġi informat b'mod regolari, mhux biss wara, iżda wkoll bil-quddiem, dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija. Attwalment, il-KEPD żviluppa prattika mal-Kummissjoni li tissodisfa dan l-interess. Il-KEPD jesprimi t-tama tiegħu li tali kooperazzjoni sodisfaċenti ser tinkiseb ukoll bl-Aġenzija li għadha kemm ġiet stabbilita. Fid-dawl ta' dan, il-KEPD jirrakkomanda lil-leġislatur li jinkludi lill-KEPD fil-lista ta' dawk li jirċievu l-programm ta' ħidma annwali u r-rapport ta' attività annwali, kif irregolat fl-Artikolu 9(1)(i) u (j) tar-Regolament propost.

*Artikolu 9(1)(r) tar-Regolament propost: verifiki mill-KEPD*

45. L-Artikolu 9(1)(r) tar-Regolament propost jittratta r-rapport tal-KEPD dwar il-verifika skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 dwar is-SIS II u l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 dwar il-VIS. il-formulazzjoni attwali tagħti l-impressjoni li l-Aġenzija għandha diskrezzjoni totali fir-rigward tas-segwitu tal-verifika inkluża l-possibbiltà li ma ssegwi l-ebda rakkomandazzjoni. Għalkemm l-Aġenzija tista' tagħmel kummenti dwar ir-rapport u ser tkun libera fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-KEPD, ma tistax ma ssegwi l-ebda rakkomandazzjoni. Għalhekk, il-KEPD jissuġġerixxi jew li dan l-Artikolu jitħassar jew li l-frażi "u jiddeċiedi dwar is-segwitu tal-verifika" tiġi sostitwita bi: "u jiddeċiedi dwar kif għandu jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet fl-aktar mod adatt wara l-verifika".

*Artikolu 9(1)(n), Artikolu 14(6)(g) u Artikolu 26 tar-Regolament propost: regoli dwar is-sigurtà*

46. Ir-Regolament propost jiddikjara li d-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta lill-Bord ta' Ġestjoni għall-adozzjoni, l-abbozz għal miżuri tas-sigurtà meħtieġa inkluż pjan ta' sigurtà (ara l-Artikolu 14(6)(g) u l-Artikolu 9(1)(n)). Is-sigurtà hi msemmija wkoll fl-Artikolu 26 li jittratta r-regoli tas-sigurtà dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata u l-informazzjoni sensittiva mhux klassifikata. Qiegħda ssir referenza għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom ([19]) tad-29 ta' Novembru 2001 u fit-tieni paragrafu għall-prinċipji tas-sigurtà rigward l-ipproċessar ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata kif adottata u implimentata mill-Kummissjoni Ewropea. Minbarra l-kummenti li jsegwu fil-punt li jmiss, il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur li jinkludi referenza għal dokumentazzjoni speċifika fit-tieni paragrafu kif ukoll, minħabba li l-paragrafu huwa pjuttost vag kif inhu bħalissa.

47. Il-KEPD jixtieq jinnota l-fatt li l-istrumenti legali abbażi tas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac fihom dispożizzjonijiet dettaljati rigward is-sigurtà. Minnu nnifsu mhuwiex evidenti li dawn ir-regoli speċifiċi huma kompletament simili għar-regoli msemmija fl-Artikolu 26 jew kompatibbli bis-sħiħ magħhom. Minħabba li l-pjan ta' sigurtà għandu jiżgura l-ogħla livell ta' sigurtà, il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur li jibdel l-Artikolu 26 f'dispożizzjoni usa' li tindirizza l-kwistjoni tar-regoli tas-sigurtà b'mod aktar ġenerali u li jinkludi referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istrumenti legali dwar it-tliet sistemi ta' IT fuq skala kbira. Dan għandu jkun preċedut minn valutazzjoni dwar il-punt safejn ir-regoli msemmija huma simili u kompatibbli ma' xulxin. Barra minn hekk għandha tiġi stabbilita rabta bejn din id-dispożizzjoni usa' u l-Artikolu 14(6)(g) u l-Artikolu 9(1)(n) li jittrattaw l-abbozzar u l-adozzjoni tal-miżuri tas-sigurtà u l-pjan tas-sigurtà.

*Artikoli 7(4) u 19 tar-Regolament propost: l-akkomodazzjoni tal-Aġenzija*

48. Il-KEPD hu konxju tal-fatt li d-deċiżjoni dwar is-sede tal-Aġenzija, kif previst fl-Artikolu 7(4), hi fil-parti l-kbira waħda politika. Madankollu, il-KEPD jirrakkomanda li, fid-dawl tal-Artikolu 19 li jittratta l-Ftehim dwar il-kwartieri ġenerali, l-għażla tas-sede ser tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi bħall-akkomodazzjoni disponibbli, li għandha tkun bini uniku ddedikat lill-Aġenzija biss, u l-possibbiltajiet li tiġi żgurata s-sigurtà tal-bini.

*Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kummissjoni: evalwazzjoni*

49. L-Artikolu 27 tar-Regolament propost jiddetermina li fi żmien tliet snin mid-data meta l-Aġenzija tassumi r-responsabbiltajiet tagħha u kull ħames snin wara, il-Bord ta' Ġestjoni għandu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti abbażi tat-termini ta' referenza maħruġa mill-Bord ta' Ġestjoni wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-protezzjoni tad-data tkun parti minn dawn it-termini ta' referenza, il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur li jagħmel referenza espliċita għal dan fl-ewwel paragrafu. Barra minn hekk, il-KEPD jistieden lil-leġiżlatur biex jispeċifika b'mod mhux restrittiv il-partijiet interessati msemmija fit-tieni paragrafu u jinkludi lill-KEPD. Il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur li jinkludi lill-KEPD fil-lista tal-istituzzjonijiet li jirċievu d-dokumenti msemmija fit-tielet paragrafu.

([18]) Id-Dokument tat-28 ta' Novembru 2005, li jagħti l-Pożizzjoni tal-KEPD, disponibbli fuq: http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/EDPS/Publications/Papers/PositionP/05-11-28_DPO_paper_EN.pdf

([19]) ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.

## VI. **KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

50. Bħala kwistjoni preliminari, il-KEPD jindika l-impossibbiltà li d-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta tkun ibbażata fuq żewġ artikoli tat-TFUE li huma s-suċċessuri tal-artikoli tat-Trattat tal-UE li attwalment il-proposta hi bbażata fuqhom. Il-KEPD jistieden lill-Kummissjoni biex tiċċara s-sitwazzjoni u tikkunsidra li bħala bażi legali jintuża l-artikolu li jagħti l-parti l-kbira tas-setgħa lill-Parlament Ewropew u li tikkunsidra l-fużjoni taż-żewġ proposti f'Regolament wieħed.

51. Il-KEPD analizza l-għażliet differenti għall-ġestjoni operattiva tas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac, u jara l-vantaġġi tal-ħolqien ta' aġenzija regolatorja għall-ġestjoni operattiva ta' ċerti sistemi tal-IT fuq skala kbira. Madankollu, il-KEPD jissottolinja li tali aġenzija għandha tkun stabbilita biss meta l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet u tar-responsabbiltajiet tagħha jkunu definiti b'mod ċar.

52. Il-KEPD iddiskuta żewġ kwistjonijiet ta' tħassib ġenerali rigward l-istabbiliment ta' aġenzija b'rilevanza għall-protezzjoni tad-data: ir-riskju tal-iżvijar tal-użu u l-konsegwenzi għall-interoperabbiltà tas-sistemi.

53. Il-KEPD hu tal-fehma li r-riskju tal-iżvijar tal-użu jista' jkun evitat, l-ewwel nett, jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' attivitajiet (possibbli) tal-Aġenzija jkun limitat u definit b'mod ċar fl-istrument legali ta' bażi u, it-tieni nett, jekk ikun żgurat li kwalunkwe espansjoni ta' dan il-kamp ta' applikazzjoni ser tkun ibbażata fuq proċedura demokratika ta' teħid ta' deċiżjonijiet. IL-KEPD jinnota li l-proposti attwali diġà fihom tali speċifikazzjonijiet iżda li jibqgħu ċerti inċertezzi. Għalhekk, il-KEPD jirrakkomanda lil-leġiżlatur:

— li jiċċara u jiddeċiedi konxjament jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija huwiex limitat għall-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-TFUE, jew jekk huwa jkopri potenzjalment is-sistemi kollha tal-IT fuq skala kbira żviluppati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

— li jiċċara l-kunċett ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fir-rigward tal-istabbiliment tal-Aġenzija, u jiċċara jekk huwiex limitat għal dawk is-sistemi li għandhom bħala karatteristika l-ħżin ta' data f'bażi ta' data ċċentralizzata li hija responsabbiltà tal-Kummissjoni jew tal-Aġenzija;

— li jkompli jsaħħaħ it-test tal-Artikolu 6 biż-żieda tal-kelma "biss" għall-paragrafi 1 u 2, jekk dan tal-aħħar jiġi appoġġat.

54. B'mod ġenerali, il-KEPD hu mħasseb bl-ambigwitajiet fl-iżviluppi rigward l-interoperabbiltà possibbli tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Madankollu, il-KEPD ma jqisx l-istabbiliment tal-Aġenzija bħala l-aktar fattur ta' theddida f'dak ir-rigward. Il-KEPD nnota li l-Aġenzija mhux ser tkun tista' tiddeċiedi dwar l-interoperabbiltà fuq mozzjoni tagħha stess. Il-KEPD jinkoraġġixxi lil-leġislatur, fil-kuntest tal-iskemi pilota proposti, li jiċċara l-proċedura li l-Kummissjoni għandha ssegwi qabel ma titlob l-iskema pilota. Skont il-KEPD, tali proċedura għandha tinkludi valutazzjoni, li tista' teħtieġ l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-KEPD, tal-impatt possibbli fuq il-protezzjoni tad-data tal-inizjattiva żviluppata wara tali talba.

55. Barra minn hekk, il-KEPD jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

— li l-KEPD jiġi inkluż fil-lista ta' dawk li jirċievu l-programm ta' ħidma annwali u r-rapport ta' attività annwali, kif irregolat fl-Artikolu 9(1)(i) u (j) tar-Regolament propost;

— li l-Artikolu 9(1)(r) tar-Regolament propost jew jitħassar jew li l-frażi 'u jiddeċiedi dwar is-segwitu tal-verifika' tiġi sostitwita bi: "u jiddeċiedi dwar kif għandu jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet bl-aktar mod adatt wara l-verifika";

— li l-Artikolu 26 tar-Regolament propost jinbidel f'dispożizzjoni li tindirizza l-kwistjoni tar-regoli tas-sigurtà b'mod aktar ġenerali u li tinkludi referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istrumenti legali dwar is-sistemi tal-IT fuq skala kbira u li tiġi stabbilita rabta bejn din id-dispożizzjoni usa' u l-Artikolu 14(6)(g) u l-Artikolu 9(1)(n) tar-Regolament propost;

— fir-rigward tal-punt preċedenti, li tiġi inkluża referenza għal dokumentazzjoni speċifika fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament propost;

— li jittieħed kont tal-kiterji oġġettivi u prattiċi meta tintgħażel is-sede tal-aġenzija;

— li l-KEPD jiġi inkluż fil-lista tal-istituzzjonijiet li jirċievu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 27(3) tar-Regolament propost.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Diċembru 2009.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*